MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Numru. 17/2001
Kawza Numru. 4

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

- vs -

Peter Paul Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Peter Paul Borg ta’ 50 sena, bin John Mary u Mary nee’ Attard, imwieled Nadur Ghawdex u joqghod ‘Peter Nancy House’ Triq Qala, Nadur, karta tal-identita’ numru 47250 (G), “akkuzat talli fit-28 ta’ Lulju 2000, ghal-habta tas-7.00 ta’ filghaxija ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ waqqajt hajt tal-appromorta tal-fond numru 57 Triq Grunju Nadur, a detriment ta’ A;am Tabone, liema ammont tal-hsara huwa ta’ izjed minn hamsin Lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt

Lira Maltin (Lm500), ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali tal-5 ta’ Frar, 2001 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja skond l-artikolu 370 (4) tal-Kodici Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra n-nuqqas ta’ oggezzjoni tieghu sabiex il-kawza tkun trattata u deciza bl-istess procedura;
Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat illi dan il-kawza inizzjat fuq rapport ta’ Alan Tabone li allega li l-imputat waqqalu parti mill-opramorta tal-fond li kien ghadu that kostruzzjoni. L-imputat stqarr li huwa mhux waqqa izda hatt parti mill-opramorta bicca bicca u nizzel il-gebel u ppustjah b’mod li ma ghamilx hsara. Anzi kien l-istess imputat li appena ghamel hekk mar ghand il-Pulizija biex jghidilhom li kien ghadu kemm ghamel hekk ghaliex il-kwerelant kien beda fi hwejjgu.

Il-kwerelant ma gab l-ebda prova li l-proprjeta` fejn beda kienet proprejta` tieghu u mhux ta’ terzi; ma ppruvax li saritlu xi hsara fi hwejjgu ghajr ricevuta li tista’ tirreferi ghall-xoghol iehor u oltre dan l-imputat ssodisfa lill-Qorti li dak li ghamel ghamlu bil-konvinciment shih li dik kienet il-proprjeta` tieghu.

Il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha ssib lill-imputat hati u tilliberah mill-akkuza migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------